MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 25/2005/1

**John Curmi bhala prokuratur specjali ta' ommu l-imsiefra Helen Curmi**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet u b'Digriet tat-23 ta' Mejju 2005 gie kjamat fir-rikors id-Direttur ta' l-Environment Protection Department.**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell interpost minn John Curmi bhala prokuratur specjali ta' ommu l-imsiefra Helen Curmi minn sentenza tal-Qorti Civili – Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) tal-14 ta' Frar 2009 li biha dik il-Qorti laqghet l-eccezzjonijiet ta' l-intimat u cahdet it-talba tar-rikorrent, spejjez bla taxxa minhabba n-natura tal-kaz.

Ir-rikorrent, appellant odjern, kien ipprezenta rikors fejn ippremetta li:

"1. Illi l-principal tar-rikorrenti, cioe` Helen Curmi, hija l-proprjetarja tal-porzjoni ta' art gewwa Marsaxlokk, immarkata bl-ittra 'B' fuq il-pjanta li kopja taghha hija hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A, tal-kejl ta' circa tlettax-il elf hames mija u sebgha u hamsin metri kwadri (13,557 m.k.) jew tnax punt zero sitta (12.06) tumoli.

"2. Illi b'dikjarazzjoni ppubblikata fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Marzu 1988 maghmula mill-President ta' Malta, in forza tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici, permezz ta' Avviz bin-numru 219 (File No L/1056/87 Vol 1), gie dikjarat illi l-art *de quo* kienet allegatament mehtiega ghal skop pubbliku, u b'hekk kienet qed tigi esproprjata.

"3. Illi b'danakollu, minkejja d-dikjarazzjoni fuq imsemmija, sal-lum baqa' ma sar l-ebda zvilupp jew imqar uzu mill-imsemmija art illi jista' jitqies bhala intiz ghal skop pubbliku, u effettivament, illum il-porzjoni ta' art in kwistjoni baqghet fl-istess stat illi kienet fih fiz-zmien meta nbeda l-process ta' l-esproprjazzjoni fl-1988.

"4. Illi effettivament, l-uniku zvilupp illi jista' jinghad illi sar, kien it-twaqqif ta' *fencing* mal-konfini ta' porzjoni mill-art in kwistjoni, izda dan sar biss fl-1999.

"5. Illi l-porzjoni ta' art *de quo* taqa' fl-ambitu tal-Marsaxlokk Bay Local Plan kif approvata fl-20 ta' Jannar 1995 u, ghalkemm l-art giet meqjusa bhala *salt marsh* ta' importanza ekologika li ghandha tigi protetta, il-*policy*

relattiva mahruga mill-Awtorita` Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, tippermetti zvilupp illi jiehu in kunsiderazzjoni l-effetti potenzjali fuq is-sit in kwistjoni.

“6. Illi fil-fatt, l-esponenti nomine kien ghamel hafna xoghol preparattiv kif ukoll spejjez relattivi ta’ entita` sostanzjali, sabiex jipprova jikseb permess ghall-izvilupp ta’ l-art in konformita` mal-*policies* ta’ l-Awtorita` dwar l-Ippjanar, illum l-Awtorita` Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, kif fuq premess, izda b’danakollu, minhabba t-tehid ta’ l-art *de quo* allegatament ghal skop pubbliku, kif fuq premess, dan ma kienx possibbli u b’hekk, il-principal tal-esponenti tinsab prekluza milli tutilizza u tgawdi l-proprjeta` privata taghha.

“7. Illi inoltre, il-*plots* konfinanti mal-porzjoni ta’ art *de quo*, immarkati bhala C, D u F fuq il-pjanta annessa (Dok A), huma wkoll di proprjeta` tal-principal tal-esponenti.

“8. Illi inoltre, minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, jigi rilevat ukoll illi minkejja li d-Dikjarazzjoni Presidenzjali li permezz taghha l-art *de quo* giet esproprjata, giet ippubblikata fit-18 ta’ Marzu 1988, l-intimat baqa’ ma hallas l-ebda kumpens lill-esponenti nomine u, wara erbatax-il sena lanqas ma nbdew ebda proceduri min-naha ta’ l-intimat, kif kien obbligat illi jaghmel in virtu` ta’ l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici qabel l-emendi introdotti permezz ta’ l-Att XI ta’ l-2002, u sal-lum, ghadu lanqas ma ha l-mizuri opportuni ai termini ta’ l-imsemmi Att XI ta’ l-2002 sabiex jigi offrut kumpens xieraq lil-esponenti nomine ghall-esproprjazzjoni ta’ l-art *de quo*.

“9. Illi bhala konsegwenza ta’ dan id-dewmien fl-inizjar tal-proceduri appoziti quddiem il-Qorti kompetenti ghad-determinazzjoni tal-kumpens xieraq dovut lilha, il-principal tal-esponenti nomine qed issofri pregudizzju sostanzjali kif ukoll ksur tad-drittijiet fondamentali taghha kif sanciti fid-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

“10. Illi l-ksur tad-drittijiet fondamentali tal-principal tal-esponenti, kif sanciti mill-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll l-Ewwel Protocol relattiv, jikkonsisti wkoll fil-fatt illi effettivament, l-art *de quo* ma gietx utilizzata ghall-iskop pubbliku espress fid-Dikjarazzjoni Presidenzjali tat-18 ta’ Marzu 1988 u f’Avviz Numru 219, kif fuq premess.

“11. Illi effettivament, ghalhekk, jonqos l-element ta’ l-interess pubbliku li huwa essenzjali sabiex jillegittima t-tehid ta’ proprjeta` privata skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protocol, jew, subordinatament jekk jezisti dan l-interess, tonqos il-proporzjonalita` indispensabbli bejn ir-restrizzjoni tad-dritt fundamentali u ta’ l-iskop li jrid jigi milhuq permezz ta’ l-istess restrizzjoni.

“12. Illi minkejja li gie interpellat permezz ta’ Protest Gudizzjarju pprezentat fil-11 ta’ Jannar 2005, u lilu notifikat fit-18 ta’ Jannar 2005, li kopja legali tieghu tinab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok B, sabiex jillibera l-art *de quo* mill-effett tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali relattiva, u sabiex jirrilaxxja l-pussess ta’ l-istess art lir-rikorrenti nomine, l-intimat baqa’ inadempjenti.”

Ghalhekk ir-rikorrent talab li l-intimat jghid ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi li t-tehid tal-pussess ta’ l-art *de quo* da parti ta’ l-intimat, jivvjola d-drittijiet fondamentali tal-principal tieghu, kif sanciti fil-Kostituzzjoni ta’ Malta, il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Ewwel Protocol.

“2. Subordinament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, tiddikjara u tiddeciedi li d-dewmien fl-inizjar tal-proceduri appoziti quddiem il-Qorti kompetenti ghad-determinazzjoni tal-kumpens xieraq ghall-esproprjazzjoni ta’ l-art de quo, jivvjola d-drittijiet fondamentali tal-principal tal-esponenti, kif sancit fil-Kostituzzjoni ta’ Malta, il-

Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Ewwel Protocol.

“3. Konsegwentement taghti dawk ir-rimedji kollha neccessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u taghti dawk id-direttivi kollha li tqis xierqa, sabiex jitwettqu u jitharsu d-drittijiet fondamentali tal-principal tal-esponenti, kompriz ir-re integrazzjoni tal-pussess ta’ l-art *de quo* favur l-istess principal tal-esponenti nomine, kif ukoll il-hlas tad-danni minnha sofferti bhala konsegwenza ta’ l-agir ta’ l-intimat kif fuq premess.

“Bl-ispejjez inkluzi wkoll dawk tal-Protest Gudizzjarju datat 11 ta’ Jannar 2005 kontra l-intimat.”

L-intimat Kummissarju ta’ l-Artijiet wiegeb fid-29 ta’ April 2005 a fol. 16 fejn qal li :-

“1. Fl-ewwel lok, ma hemm ebda ksur ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u lanqas ta’ l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni stante illi:

“a) id-Dikjarazzjoni Presidenzjali nharget ghal skop pubbliku u cioe` biex l-art de quo tinzamm bhala *natural reserve*. Illum din l-art hija meqjusa bhala *area* ta’ importanza xjentifika skond il-Marsaxlokk Bay Local Plan (dok CSD1 anness).

“b) ghajr ghal *fencing* illi sar madwar l-art *de quo*, ebda bini ma huwa permessibbli fuq din l-art u dana skond il-permess li nhareg mill-Awtorita` tal-Ippjanar ta’ dak iz-zmien li jgib numru PA 5195/95 (dok CSD2 anness).

“Ghaldaqstant l-ilment imressaq mir-rikorrent illi l-esproprjazzjoni ma saritx fl-interess pubbliku, u l-argument illi kemm-il darba ma sar ebda zvilupp strutturali fuq l-art *de quo* l-interess pubbliku ma baqax jissussisti mal-medda tas-snin, ma jistax jintlaqa’.

“2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, ma hemm ebda ksur ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

Ewropeja u lanqas ta’ l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni stante illi:

“i. Ir-rikorrent kellu kull facilita` li jaccedu quddiem il-Qorti sabiex din tiffissa terminu ghal intavolar ta’ l-azzjoni quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet, liema facilita` huwa qatt ma utilizza sal-lum.

“ii. Barra minnhekk, permezz ta’ avviz li kien gie ppubblikat mid-Dipartiment ta’ l-Informazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fis-sena 1995, kull persuna illi kienet ittehditilha art permezz tal-procedura ta’ esproprjazzjoni inghatatilha l-fakolta` li hija tqabbad l-avukat tal-fiducja taghha biex jahdem il-provenjenzi tal-proprjeta` esproprjata a spejjez ta’ l-intimat, dana sabiex jithaffef il-process ta’ gbir ta’ ricerki sabiex jinbdew il-proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet ghall-iffissar ta’ kumpens. Illi ghal darba’ohra r-rikorrent kellu kull interess illi jadderixxi ruhu ma’ din l-iskema offruta, izda ghal xi raguni baqa’ inadempjenti.

“Ghaldaqstant l-ilment imressaq mir-rikorrent dwar in-nuqqas ta’ smiegh xieraq ma jistax jintlaqa’.

“Ghaldaqstant filwaqt li l-esponent igib is-suespost a konjizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti, jopponu ghall-akkoljiment tat-talbiet tar-rikorrenti.”

Il-kjamat in kawza Direttur tal-Enviroment Protection Department wiegeb fit-2 ta’ Marzu 2006 a fol. 51 fejn qal li:

“1. Fl-ewwel lok, ma hemm ebda ksur ta’ l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u lanqas ta’ l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni stante illi:

“i. Id-Dikjarazzjoni Presidenzjali inharget ghal skop pubbliku u cioe` biex l-art *de quo* tizamm bhala rizerva naturali. Illum din l-art hijq meqjusa bhala Zona Specjali ta’ Konservazzjoni: Siti Kandidati ta’ Importanza Internazzjonali skond n-Notifikazzjoni tal-Gazzetta tal-

Gvern Numru 223 tat-8 ta’ Marzu 2005 (dok. EPD1 anness);

“ii. L-istess art hija meqjusa wkoll bhala ta’ importanza xjentifika skond il-Marsaxlokk Bay Local Plan (dok. EPD2 anness);

“iii. Illi ghajr ghal *fencing* illi sar madwar l-art *de quo*, ebda bini ma huwa permessibbli fuq din l-art u dana skond il-permess li nhareg mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar ta’ dak iz-zmien li jgib in-numru PA 5195/95 (dok. EPD3 anness);

“iv. Illi di piu`, in vista li l-art giet identifikata bhal sit kanditata ta’ importanza internazzjonali, abbazi ta’ l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja numru 92/43/EEC, ahjar maghrufa bhala l-*Habitats Directive, “Any plan or project not directly connected with, or necessary to the management of the site, but likely to have a significant effect thereon, either individualy or in combination with other plans or projects, shall be subject to appropriate assessment of its implications for the site in view of the site’s conservation objectives”.*

“2. Illi a rigward l-allegat ksur ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, l-esponent jichad kwalunkwe allegazzjoni mibghuta fil-konfront tieghu u jassocja ruhu mal-eccezzjonijiet imressqa mill-Kummissarju ta’ l-Artijiet.

“Ghaldaqstant filwaqt li l-esponent igib is-suespost a konjizzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti, huwa jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti.”

**Decizjoni ta’ l-ewwel Qorti.**

L-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat Kummissarju tal-Artijiet u tal-kjamat in kawza, u cahdet it-talbiet tar-rikorrent wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha li, fis-sustanza kienu kif gej:-

Interess u skop pubbliku

Helen Curmi hija proprjetarja ta’ bicca art gewwa Marsaxlokk u b’dikjarazzjoni pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern gie dikjarat li l-art in kwistjoni kienet mehtiega ghal skop pubbliku u b’hekk kienet giet esproprjata. L-iskop ta’ l-esproprjazzjoni kien sabiex l-art tintuza bhala rizerva naturali.

Ir-rikorrenti kienet qed issostni l-istat ta’ abbandun ta’ l-art *de quo* biex tenfasizza n-nuqqas ta’ interess pubbliku. L-ewwel Qorti ddecidiet li wiehed irid jinnota li l-interess pubbliku ghall-art *de quo* kien wiehed ta’ bur salmastru u li ghalhekk l-aspett ta’ zvilupp ghal certu zmien ma kienx daqshekk ta’ natura fondamentali. Ma kien hemm l-ebda dubju li l-art imsemmija ghandha importanza ekologika qawwija f’Malta.

Jemergi li l-iskop wara t-talba ghall-esproprjazzjoni kien wiehed leggittimu u cioe` biex issir rizerva naturali. In segwitu saru zviluppi ta’ natura ambjentali (ara x-xhieda ta’ Darrin Stevens), kif ukoll zviluppi fil-post fejn sar *fencing* ta’ l-art (ara x-xhieda tar-rapprezentant tal-MEPA, Ivor Robinich). Fil-fatt a tenur tal-Kap 88, Artikoli 3 u 12, wara d-dikjarazzjoni ta’ esproprjazzjoni r-rikorrenti ma baqghalhom ebda drittijiet fuq l-art in kwistjoni hlief id-dritt li jircievu l-kumpens ghalihom purche` hemm l-interess pubbliku. Ghalhekk il-Qorti laqghet l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat u kjamat in kawza fis-sens li kien jezisti l-interess pubbliku.

L-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzoni u ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja:

Dwar il-kwisjtoni jekk kienx hemm ksur ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u 39(2) tal-Kostituzzjoni, fil-fehma ta’ l-ewwel Qorti la l-intimat u lanqas il-kjamat fil-kawza ma huma Qorti jew awtorita` gudikanti ghalhekk dawn l-artikoli ma japplikawx ghalihom.

Il-Kummissarju ta’ l-Artijiet kien eccepixxa wkoll li r-rikorrenti kellha l-fakolta` taccedi quddiem il-Qorti biex tiffissa terminu ghall-intavolar ta’ l-azzjoni quddiem il-Bord

ta’ l-Arbitragg Dwar l-Artijiet, pero` b’ebda mod ma saret kontestazzjoni ta’ dik il-fakolta` min-naha tar-rikorrenti u fil-fatt jirrizulta li din il-procedura ma gietx utilizzata. Ir-rikorrenti kellha wkoll il-facilita` - dejjem skond l-ewwel Qorti - li titlob, bhala persuna li ttehditilha art, li jigi mqabbad avukat mid-Dipartiment biex jahdem il-provenjenza ta’ l-art esproprjata, u f’dan il-kaz ukoll jirrizulta li r-rikorrenti ma uzufruwietx ruhha minn din il-possibbilta`. Ghalhekk l-ewwel Qorti laqghet ukoll it-tieni eccezzjoni ta’ l-intimat.

**Rikors ta’ l-appell tar-rikorrent John Curmi *nomine***

Ir-rikorrent hassu aggaravat bid-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti u interpona appell minnha.

Fil-qosor l-aggravji tar-rikorrent huma s-segwenti:

A. Ksur ta’ l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem: Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol – Skop Pubbliku u Interess Pubblika.

Ghalkemm l-appellant jaqbel mad-dikjarazzjoni ta’ l-ewwel Qorti li l-iskop ta’ l-esproprjazzjoni kien wiehed maghmul fl-interess pubbliku, din id-dikjarazzjoni ma kelliex tkun wahda assoluta u kellha tigi kwalifikata billi mhux kwalunkwe art privata li ghandha certa importanza ekologika jew ambjentali f’Malta ghandha tigi esproprijata.

Ir-rikorrent issottometta li l-Gvern ma weriex kif ser jimplimenta jew kif fil-fatt qed jimplimenta l-protezzjoni ta’ l-art esproprjata. Ma ngabet ebda prova, skond l-appellant, li territorji li ghandhom fattizzi simili ghal dawk ta’ l-art *de quo* wkoll gew esproprjati. Ghalkemm originarjament seta’ kien hemm interess pubbliku (l-esproprju sar fl-1988), l-esproprijazzjoni ma baqghetx lecita billi l-interess ma baqax jissussisti u mhux bizzejjed li jkun hemm semplicement bzonn potenzjali. Iz-zmien rilevanti sabiex jigi determinat jekk l-iskop pubbliku ta’ l-esproprijazzjoni relattiv kienx jezisti u jekk kienx jissodisfa

l-kriterji rikjesti mill-gurisprudenza, huwa z-zmien ta' l-esproprijazzjoni.

Ir-rikorrent appellant jirritjeni li l-protezzjoni ta' l-art in kwistjoni f'dan il-kaz ma nkisibx bl-esproprijazzjoni billi l-art illum tinstab fi stat ta' abbandun, zdingata u miftuha ghall-abbuzi tal-vandalizmu. Ighid li ma sar ebda progett sabiex is-sit jigi trasformat f'riserva naturali u kull ma sar kien *chain link fence* fl-1999. Lanqas ma tezisiti xi forma ta' ghassa jew sorveljanza tas-sit u ma saru ebda tabelli biex jindikaw li s-sit huwa *nature reserve*.

L-appellant isostni li l-istess skop kien jigi milhuq kieku l-art thalliet f'idejn il-privat. Fil-fatt ma ngabitx prova teknika jew esperta li minghajr l-esproprijazzjoni u bit-territorju fil-pussess tas-sidien, l-istess territorju kien ser jitlef dawk l-attributi li jridu jigu mharsa. Lanqas ma ngabet prova li bl-esproprju l-ambjent sar ahjar u hemm aktar protezzjoni.

Esproprijazzjoni *de facto*

Aggravju iehor tar-rikorrent appellant hu li meta sar il-*fencing* ta' l-art *de quo* giet inkorporata iktar art milli effettivament giet esproprijata u ghalhekk dana jammonta ghall-esproprijazzjoni *de facto;* konsegwentement, riferibbilment ghall-ewwel u t-tielet talba l-ewwel Qorti messha ordnat lill-intimat jirrilaxxja dik il-porzjoni zejda li giet mehuda illegalment.

<u>B. Ksur ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.</u>

Ir-rikorrent isostni li, kuntrarjament ghal dak li ddecidiet l-ewwel Qorti, l-intimat u l-kjamat fil-kawza ma ssollevaw l-ebda eccezzjoni fis-sens li huma ma humiex 'Qorti jew Awtorita` ohra gudikanti' jew 'tribunal' jew li bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda 'kontestazzjoni' ghall-finijiet ta' l-Artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni. Ighid li f'dan il-kaz l-art giet esproprijata fl-1988 u li d-dewmien ta' l-intimat milli jibda l-proceduri gudizzjarji biex jintavola l-ittra gudizzarja, n-*'notice to treat'*, imsemmija fil-Kapitolu

88 b'offerta ta' kumpens ghall-esproprijazzjoni, jikkawlifika ghal-vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u 39(2) tal-Kostituzzjoni. L-appellant isostni li hu ma setax iressaq proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet qabel ma ssir in-*'notice to treat'*. Kien ghalhekk inutili ghalih li jibda proceduri biex il-Qorti tiffissa terminu. Ghall-istess raguni kien inutili li joqghod igib ir-ricerki.

Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrent talab it-thassir u revoka tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti u li din il-Qorti Kostituzzjonali filwaqt li tilqa' t-talbiet tieghu, tichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimat u tal-kjamat fil-kawza.

**Risposta ta' l-appell ta' l-intimat u tal-kjamat fil-kawza.**

L-appellati bazikament wiegbu li l-art giet esproprijata fl-interess pubbliku u l-iskop kien wiehed legittimu, cjoe` biex l-art tibqa' protetta bhala rizerva naturali. Huma jsostnu li l-ewwel Qorti ma qalitx b'mod generali u assolut li l-esproprijazzjoni ta' art li ghandha importanza ekologika, ambjentali jew xi element iehor li jehtieg protezzjoni bilfors se tkun fl-interess pubbliku. L-ewwel Qorti ezaminat il-fattispecie tal-kaz u fuq hekk biss iddecidiet. Dak li hu rikjest mil-ligi hu li l-esproprijazzjoni ssir fl-interess pubbliku u imkien fil-Kostituzzjoni, fil-Konvenzjoni jew fil-Kap. 88 ma hemm rikjest dak li qed isemmi r-rikorrent dwar il-grad ta' prova u l-kawteli bazici li huma (l-appellati) kellhom jiehdu qabel ighaddu ghall-esproprijazzjoni.

Skond l-appellati ma hemmx dubju li l-art in kwistjoni giet esproprijata proprju biex issir rizerva naturali u ghalhekk il-Qorti m'ghandiex tissostitwixxi l-kriterji taghha ghal dawk tal-Gvern fejn tidhol decizjoni li tittiehed fl-interess pubbliku, hlief jekk jintwera li ma kienx hemm interess pubbliku jew li ma nzammx proporzjon xieraq bejn l-interess pubbliku u l-interess privat.

L-appellati jissottomettu li r-rikorrent qed jorbot in-nuqqas ta' interess pubbliku mal-fatt li l-art qatt ma giet zviluppata; izda huma jsostnu li sabiex progett ikun konkret ma jfissirx li jrid bilfors isir xi forma ta' zvillup materjali f'forma jew

ohra ta' kostruzzjoni. Dan is-sit jillimita x'tip ta' zvilupp huwa permissibbli anke fil-vicinat ta' dina l-art. Hija proprju dina l-allegata telqa li semma r-rikorrent li taghmel is-sit importanti mill-aspett ekologiku. L-art mhiex abbandunata u fil-fatt sar *fencing,* thawwlu xi *species* biex iwaqqfu l-*erosion*, u sar *maintenance* fis-sigar. L-appellati jikkontendu li kemm il-Marsaxlokk Bay Local Plan kif ukoll il-Habitat Directive 92/43/EEC u l-fatt li fl-2005 din l-art giet meqjusa bhala Zona Specjali ta' Konservazzjoni jikkonfermaw li l-iskop li ghalih kienet giet esproprijata l-art fl-1988 kien jissussiti dak iz-zmien u baqa' jissussisti sal-lum.

Esproprju de facto

Kwantu ghat-tieni aggravju tar-rikorrent l-appellati wiegbu li dwar dan ir-rikorrent ma semma xejn fir-rikors promotorju tieghu u ma hemm ebda talba f'dan is-sens.
Dewmien

Dwar dana l-aggravju l-appellati wiegbu li l-ewwel Qorti gustament cahdet dina t-talba billi ddikjarat li bejn il-partijiet ma kienx hemm 'kontestazzjoni' fit-termini ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u li l-intimati la huma Qorti u lanqas Awtorita` ohra gudikanti. Ladarba l-ewwel Qorti kellha quddiemha l-applikabilita` o meno ta' dawn l-artikoli kellha bilfors tezamina jekk l-intimat u l-kjamat fil-kawza jikkawlifikawx bhala Qorti jew Awtorita' gudikanti stante li dan huwa wiehed mir-rekwiziti biex japplikaw l-istess artikoli, u dana minghajr il-htiega ta' eccezzjoni formali. Ghalhekk ladarba l-ewwel Qorti sabet li ma kienx hemm 'kontestazzjoni', l-Artikolu 6 ma kellux japplika.

**<u>Fatti</u>**

Dan ir-rikors jirrigwarda esproprijazzjoni ta' porzjon ta' art bhala rizerva naturali gewwa Marsaxlokk maghmula permezz ta' dikjarazzjoni pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Marzu 1988.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti</u>**

John Curmi *nomine* qed jitlob li jigi dikjarat li gie vjolat d-dritt fundamentali tar-rapprezentata tieghu kif sancit fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll ta’ Konvenzjoni Ewropeja. Subordinament li d-dewmien fl-inizjar tal-proceduri appoziti quddiem il-Qorti jew awtorita` ohra gudikanti kompetenti ghad-determinazzjoni tal-kumpens xieraq ghall esproprjazzjoni ta’ l-art *de quo*, jivvjola d-drittijiet fundamentali tal-istess kif sancit fl-Art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**<u>Il-ligi</u>**

**Il-parti relevanti ta’ l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tipprovdi hekk:**

“(1) Ebda proprjeta` ta’ kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b’mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta’ kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b’mod obbligatorju, hlief meta hemm dispozizzjoni ta’ ligi applikabbli ghal dak ittehid ta’ pussess jew akkwist –

“(a) ghall-hlas ta’ kumpens xieraq;

“(b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta’ access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi sabiex jigi deciz linteress taghha fi jew dritt fuq il-proprjeta` u l-ammont ta’ kull kumpens li ghalih tista’ tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta’ dak il-kumpens; u

“(c) li tizgura lil kull parti fi proceduri f’dik ilqorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta’ appell mid-decizjoni taghha lill-Qorti ta’ l-Appell f’Malta”.

**L-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi:**

"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.

"Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skond linteress generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".

**L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk:**

"Kull Qorti jew Awtorita` ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli".

**U l-parti relevanti ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk:**

"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu …. kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi".

Skond l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku. L-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-principji li ghandhom jirregolaw il-materja li qed tigi ezaminata u dina l-Qorti qed terga' tirriproduci hawn dawn il-principji li kienu gew elenkati fid-decizjoni taghha (cioe` tal-Kostituzzjonali) (diversament komposta) tat-2 ta` Dicembru, 2003, fil-kawza **Allied Newspapers Ltd vs Avukat Generali et.** F`dik is-sentenza, il-principji gew rikapitolati fis-sens li se jinghad:

"1. Il-ligijiet li jaghtu s-seta` lill-Istat li jesproprija proprjeta` ta` individwi huma rikonoxxuti bhala mehtiega f`socjeta` demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta` zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita`. L-ezistenza ta` dawn il-ligijiet hi addirittura rikonoxxuta fl-istess Kostituzzjoni (Art. 37(2)) kif ukoll fl-Artiklu 1 ta` l-Ewwel Protokoll tal- Konvenzjoni Ewropea.
"2. Id-dritt moghti lill-Istat li b`ligi jesproprija l-proprjeta` tal-privat ma hux wiehed assolut u insindakabbli, izda ghandu f`kull kaz jigi ezercitat strettament fil-parametri stabbiliti mhux biss fil-ligi li tawtorizza l-espropriju, imma wkoll fl-osservanza tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea. F`dan irrigward l-operat ta` l-istat hu soggett ghall-verifika mill-organi gudizzjarji[1].

"3. Id-dritt ta` l-espropriju moghti lill-Istat ghandu jitqies li hu eccezzjoni, ossia limitazzjoni tad-dritt fondamentali ta` kull individwu li jgawdi l-proprjeta` tieghu, jew, fi kliem il-Konvenzjoni, tad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu. Dan ifisser li l-jedd ta` l-individwu ghandu jipprevali fejn l-Istat ma jkunx issodisfa adegwatament l-osservanza tad-dettami tal-Kostituzzjoni, tal-Konvenzjoni jew tal-ligi li bis-sahha taghha agixxa. Il-limitazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali, kif enuncjati kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-konvenzjoni, kellhom ghalhekk jigu applikati restrittivament fis-sens li f`kaz ta` dubbju dak id-dubbju kellu jmur favur l-individwu u mhux favur l- Istat. Dan ma jfissirx, pero`, li fejn l-Istat ghandu margini wiesgha ta` azzjoni dan kellu jigi b`xi mod imnaqqas jew imxekkel b`xi process ta` interpretazzjoni.

"4. Kien jispetta lil, u jinkombi fuq, l-Istat li jipprova adegwatament li fil-kaz partikolari li jkun taht ezami kienu jikkonkorru dawk l-elementi *sine qua non* mehtiega biex jintitolawh jagixxi fil-konfront ta` l-individwu b`mizura, in forza ta` ligi, li tkun ser tipprivah mill possedimenti tieghu jew mill-uzu taghhom. Galadarba d-dritt ta` l-Istat li jesproprija jew jillimita l-uzu tal-possedimenti ta` l-

---

[1] Ara wkoll **Raymond Vella et v. Kummissarju ta' l-Artijiet** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Mejju 2004.

individwu kien jikkostitwixxi deroga tal-jedd fondamentali u limitazzjoni tieghu, dak id-dritt kellu jigi ezercitat biss fejn u sa kemm kien necessarju, u dan ukoll peress li hu fuq kollox obbligu primarju ta` l-istess Stat li jirrikonoxxi d-drittijiet fondamentali ta` l-individwu, iwettaqhom u jharishom. Isegwi, ghalhekk, li l-Istat ma jistax bla bzonn ixekkel il-jedd ta` l-individwu ghat tgawdija tal-possedimenti tieghu, u tali xkiel, fejn mehtieg, kellu mhux biss ikun proporzjonat mal htigijiet tal-kollettivita` imma wkoll ma kellux jestendi lil hinn mill-htigijiet taghha.

“5. Isegwi il-principju bazilari fejn si tratta ta` esproprjazzjoni li fejn il-process tat-tehid talproprjeta` ma jkunx gie konkluz, u allura l-mizura setghet titqies f`dak l-istadju bhala wahda ta` tehid ta` pussess jew regolament ta` uzu ta` proprjeta`, l-Istat kellu l-obbligu li jirrilaxxja l-possediment lill-individwu li jkun proprjetarju tieghu biex igawdih bla xkiel, appena jkun jirrizulta li ma kienitx ghadha tokkorri r-raguni valida u gustifikativa li pprovokat l-azzjoni ta` l- Istat fl-ewwel lok”.[2]

Ghalhekk huwa l-obbligu ta’ l-Istat li jkun qed jesproprija li jipprova li dak l-espropriju jkun qed isir, *inter alia*, fl-interess pubbliku **Pawlu Cachia v Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta’ Dicembru, 2001]. Dan l-interess pubbliku jrid jibqa’ jissussisti sal-mument meta l-art tkun defenittivament ghaddiet f’idejn l-Istat bil-konkluzjoni tal-proceduri ta’ esproprijazzjoni.

L-appellant jillanja li ghalkemm l-esproprijazzjoni ta’ l-art in kwistjoni biex tintuza bhala rizerva naturali tikkwalifika <u>oggettivament</u> bhala esproprijazzjoni fl-interess pubbliku u ghal skop pubblika izda ma giex ippruvat li f’dan il-kaz partikolari kien jezisti skop pubbliku fiz-zmien ta’ l-esproprijazzjoni u li jekk verament kien hemm inizjalment skop pubbliku, wara l-esproprijazzjoni dan l-iskop baqa’ ma giex attwat u l-art thalliet fi stat ta’ abbandun u zdingar u ghalhekk l-interess pubbliku ma baqax jissussisti.

---

[2] **Francis Bezzina Wettinger et v. Kummissarju ta’ l-Artijiet** Q.K. 10 ta’ Ottubru 2003.

Ghandu jinghad li dak li qalet l-ewwel Qorti dwar l-esproprijazzjoni ta' *nature reserve* fl-interess pubbliku kien b'referenza ghall-kaz partikolari li kellha quddiemha u mhux b'mod generali jew b'mod assolut. Hi semmiet ir-ragunijiet ghaliex deherilha li fic-cirkostanzi tal-kaz kien jirrizulta li l-espropriju sar fl-interess pubbliku.

F'dan il-kaz hemm qbil li, bhala principju, l-esproprijazzjoni ta' art biex tintuza bhala rizerva naturali tikkwalifika oggettivament bhala esproprijazzjoni fl-interess pubbliku u ghal skop pubbliku,

Li qed jikkontendi r-rikorrent appellant hu li ma giex ippruvat li f'dan il-kaz partikolari kien jezisti skop pubbliku fiz-zmien ta' l-esproprjazzonji u li anke jekk kien hemm inizjalment skop pubbliku, wara l-esproprijazzjoni dan l-iskop ma baqax jigi attwat ghax l-art thalliet fi stat ta' abbandun.

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet, Albert Mamo xehed li huma kellhom talba mill-Enviroment Protection Department biex dina l-art tigi esproprijata. Kienet saret korrispondenza bejn id-Dipartimenti biex jigi kkonfermat il-bzonn ta' dana l-espropriju. Eventwalment kien sar il-*fencing* ma' l-*area* li giet esproprijata u ghall-Kummissarju dan kien ifisser li l-kjamati fil-kawza kienu dahlu fl-art u okkupawha, ghalhekk ma kienx il-kaz li l-art kellha tigi rilaxxjata ghax ma kienx qed isir uzu minnha. Ix-xhud ighid li kieku ma sar xejn jew l-kjamati fil-kawza hallew l-art zdingata huwa kien jirrilaxxja l-art.

Ir-rikorrent min-naha l-ohra jsostni li anke jekk kien hemm skop pubbliku fil-bidu, wara l-esproprijazzjoni dan l-iskop baqax u l-art thalliet abbandunata. Ir-rikorrent xehed li l-art qed isservi *"bhala dumping ground and as an outlet for the adjacent pig farm effluent"*. Hu esebixxa dokumenti (ara rapport a fol. 118 et seq) biex juri kif kienet mizmuma l-art fi zmien in-nannu tieghu u kif inhi llum.

Darren Stevens li hu *team manager* fis-sezzjoni ta' l-ambjent tal-MEPA xehed li s-sit li gie esproprijat hu bur salmastru jew *saline marshland* li fih hemm numru ta'

kommunitajiet li huma rari hafna fil-gzejjer Maltin. Artijiet li jikkwalifikaw bhala bur salmastru minnhom  infushom huma rari hafna u huma maghrufa bhala *Mediterranean sea meadows*. Il-pjanti u l-annimali li jikbru f'dawk il-kommunitajiet huma aktar rari mill-ambjent taghhom.  Din hija *core area* billi thaddan biodiversita` importanti ghall-annimali u pjanti u l-*habitats* taghhom. Mistoqsi dwar il-kundizzjoni ta' dan is-sit hu qal li meta saru s-*surveys* ta' Natura 2000 dawn sabu li l-kundizzjoni tal-post kienet tajba (ara fol. 66), u spjega li l-fatt li l-*ispecies* li hemm huma fi stat tajjeb jindika li s-sit huwa tajjeb b'mod partikolari meta tqabblu ma' siti ohrajn.  Dwar jekk il-MEPA taghmilx xi tip ta' *maintenance* fuq dina l-art, hu wiegeb 'iva u le', fis-sens li sar il-*fencing* u xi *engineering works* biex il-*pools* jigu f'kundizzjoni ahjar. Gew imhawwla xi *species* biex iwaqqfu l-*erosion* mill-bahar fil-*marshland.* L-ikbar problema li hemm mhux il-*pollution* jew in-nies imma l-*erosion*. Twahhlu numru ta' sigar adattati ghall-bahar li jifilhu dak l-ambjent u kien qed isir xi xoghol bil-mod il-mod regolarment sa 2000/2001 u n-Nature Trust issottomettiet abbozz ta' *management plan* ghal dan il-post. Hu jghid ukoll li ghal dak li jidher ghal *man in the street* bhala hsara jew hmieg hafna drabi dan mhuwiex hekk, u din hi problema normali, komuni fis-*salt marshes,* li jintnu u jidhru mahmuga.

Ghalhekk u fil-fehma ta' din il-Qorti, mill-provi prodotti jirrizulta li fl-1988 l-esproprijazzjoni saret biex tigi protetta dina l-art bhala *nature reserve*  fl-interess pubbliku . Ghalkemm dak iz-zmien kien hemm biss Structure Plan generali ghal Malta, lis-*structure plans* sussegwenti, u cjoe` dawk lokali ta' Marsaxlokk kif ukoll l-ODZ u Natura 2000, kollha kkonfermaw in-necessita` tal-protezzjoni ta' dina l-art partikolari. Ezamijiet li saru wara l-1988 fuq l-art biex dina tigi klassifikata bhala zona protetta kkonfermaw li l-art hija tajba u hemm biodiversita` fl-annimali, pjanti u l-*habitat* li trid tigi protetta.

Inoltre mir-rapport li gie esebit a fol. 118 *et seq* u ezattament fil-pagna 181 fejn tidher silta mill-Nature Trust Website, dwar dana s-sit, hemm riportat  dan li gej:

*"……..the site was undergoing constant and severe degradation especially when works started on the Power Station in the late 1980's (the area was used as a dumping ground for rubble excavated from the Delimara site). Legal protection was seen as being the only way to limit these effects and the Marsaxlokk Saline Marshland was finally declared a Nature Reserve in 1993."*

Mill-provi prodotti jidher, ghalhekk, li meta kienu qed isiru dawn l-izviliuppi f'dina l-*area* l-appellati kjamati fil-kawza, lejn l-1988, talbu lill-appellat l-iehor Kummissarju tal-Artijiet biex jesproprija dina l-art biex almenu isalvaw dak li kien salvabbli, wara li  l-Power station, il-Marina u l-Freeport kienu ddistruggew l-*ecological balance* fis-*saltmarshes* li kien hemm.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-esproprijazzjoni <u>saret ghal skop pubbliku u fl-interess pubbliku</u> u dana l-interess baqa' jissussisti anke wara li saret l-esproprijazzjoni. Il-ligi (Kap. 88) ma timponix fuq l-intimat il-htiega li l-progett li jkollu ghall-art iwettqu minnufih, u ghalhekk sakemm ma jintweriex car illi l-progett huwa definittivament abbandunat, ma jistax jinghad illi l-iskop pubbliku spicca. F'dan il-kuntest ghandu jigi osservat ukoll li kienet saret applikazzjoni ghall-*fencing* fl-1995 u l-permess mill-MEPA hareg fl-1998. Jirrizulta wkoll li kien sar xoghol iehor fuq is-sit li jindika li l-progett ma kienx ser jigi abbandunat anzi kien hemm pjan kif is-*site* kellu  jigi mmexxi. Il-fatt li ma sarx zvillup materjali f'forma ta' kostruzzjoni ma jfissirx li ma ghadx hemm interess fil-progett; anzi f'dan il-kaz partikolari l-fatt li s-sit jithalla fl-istat naturali tieghu <u>huwa proprju l-iskop li ghalih saret l-esproprijazzjoni u cjoe` biex is-sit jibqa' fl-istat li hu, bl-aspett ekologiku tieghu protett</u>.

L-appellant jissottometti wkoll li ma kienx hemm ghalfejn li l-art tigi esproprijata billi din setghet tibqa' preservata bhala *nature reserve* mis-sidien bhal ma kien qed isir meta kienet f'idejn in-nannu tar-rikorrent.

Il-Qorti ma taqbilx li jekk l-art tithalla f'idejn il-privat l-interess pubbliku jew generali kien se jigi mhares. F'dak il-kaz l-interess ma kienx jibqa' wiehed generali u pubbliku

imma jsir wiehed privat. Inoltre l-Qorti wisq tibza' li jekk l-art ma tibqax protetta bl-esproprijazzjoni dina tispicca f'xi progett ta' zvilupp bhal xi *mega yacht marina* bhal ma donnu kien il-hsieb tal-privat f'dan il-kaz (ara fol. 89 et seq).

Fil-kaz in dizamina ma jirrizultax li l-esproprijazzjoni saret minhabba xi  progett fl-arja jew il-mera possibilita` ta` xi progett, imma kien gie identifikat b`mod konkret progett  fl-interess pubbliku. Fil-fehma tal-Qorti kien hemm bzonn attwali ta' dana l-progett u tal-esproprijazzjoni li segwiet, u ghalhekk kien hemm il-bilanc bejn l-interess tas-socjeta` u l-interess tal-privat li trid il-ligi.

Il-Qorti hawn tirreferi ghas-sentenzi tal-Qorti ta' Strasbourg li jghidu li qorti ma tindaħalx leġġerment biex tissostitwixxi l-kriterji tagħha għal dawk tal-gvern, u ghandha toqgħod fuq il-fehma ta' l-awtorità kompetenti ħlief meta jintwera li ma kienx hemm interess pubbliku jew li d-decizjoni li ttiehdet kienet wahda arbitrarja.

“The Court recalls that the national authorities enjoy a certain margin of appreciation in determining what is “in the public interest” because under the Convention system it is for them to make the initial assessment both of the existence of a problem of public concern warranting measures of deprivation of property and of the remedial action to be taken”. (Pressos Compania Naviera S.A. *et v*. Belgium; James and Others v. the United Kingdom).

Ghalhekk dina l-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li r-rikorrent ma jirnexxilux jipprova li meta saret l-esproprijazzjoni ma kienx hemm interess jew iskop pubbliku jew li wara esproprijazzjoni dana l-interess spicca u ma baqax isehh.

Aggravju iehor tar-rikorrent appellant hu li meta sar il-*fencing* ta' l-art *de quo* giet inkorporata iktar art milli effettivament giet esproprijata u ghalhekk dana jammonta ghall-esproprijazzjoni *de facto*. Jidher li dana l-punt ma giex kontestat mill-Kummissarju ta' l-Artijiet li xehed li jekk hemm xi parti li mhiex parti mill-art li giet esproprijata dina ghandha tinghata lura lis-sid. Pero` kwantu jikkoncerna

dan ir-rikors ma jirrizultax li din hija xi wahda mit-talbiet li gew imressqa. Ir-rikors, kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom jiffissaw il-parametri li fihom il-Qorti ghandha tezercita il-gudizzju taghha. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li ntalbet xi korrezzjoni fir-rikors biex jizdiedu xi talbiet godda f'dan is-sens.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

Ir-rikorrent qed jilmenta ukoll minn dewmien ta' l-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet milli jibda l-proceduri gudizzjarji permezz ta' *'notice to treat'*, imsemmija fil-Kapitolu 88 b'offerta ta' kumpens ghall-esproprijazzjoni. Lanqas ma jidher li ttiehdu l-mizuri opportuni introdotti bl-Att X1 tal-2002.

Mhux kontestat li l-esproprijazzjoni saret fl-1988 u sal-lum ir-rikorrent ghadu ma giex kompensat wara 20 sena. Huwa veru li r-rikorrenti baqa' passiv u nduna biss li l-art giet esproprijata fl-1999 ghax kien barra minn Malta. Hu ghamel dana r-rikors Kostituzzjonali fl-2005 bla ma ha passi gudizzjarji biex jgieghel lill-Kummissarju jibda' proceduri gudizzjarji biex jigi ffissat l-kumpens xieraq. Dan kollu, pero`, ma jiggustifikax lill-intimat Kummissarju tal-Artijiet li jibqa' inattiv ghal 20 sena minghajr mhux biss ma jhallas ebda kumpens, <u>imma lanqas biss jaghmel offerta</u>. Kien imiss lill-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet li esproprija l-art li jibda u jittermina l-process ta' kumpens fi zmien ragjonevoli. Dan id-dewmien ta' l-intimat milli jibda l-proceduri jivvjola l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni in kwantu jammonta ghal <u>privazzjoni minn access</u> ghal tribunal imparzjali u indipendenti, izda ma jgibx lezjoni ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni billi dan l-artikolu jipprospetta sitwazzjoni fejn il-proceduri quddiem Qorti jkunu gja` mibdija (ara Q.K. **Allied Newspapers Limited vs Avukat Generali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet** gja` msemmija).

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn laqghet l-ewwel

eccezzjoni ta' l-appellati (cioe` in kwantu ma hemmx lezjoni tal-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u tal-Art. 37 tal-Kostituzzjoni) kif ukoll fejn laqghet it-tieni eccezzjoni taghhom riferibbilment ghall-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, izda thassarha u tirrevokaha in kwantu cahdet it-tieni eccezzjoni sollevata mill-appellati riferibbilment ghall-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, u minflok tiddeciedi li kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni da parti tal-Kummissarju tal-Artijiet u tikkundanna lill-istess Kummissarju tal-Artijiet ihallas, in linea ta' danni morali, is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) lill-appellant nomine ghal din il-lezjoni.

L-ispejjez kemm tal-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza jithallsu kollha mill-intimat appellat Kummissarju tal-Artijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------